KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

5 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku 18:57
Antonello Cuschieri – Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Louise Portelli – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

***Misraħ il-Kunsill***
***Triq id-Duka t'Edinburgh***
***Ħamrun ĦMR 2063***
***hamrun.lc@gov.mt***

## Minuti

Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija ta' Louise Portelli u Jurgen Carl Grixti l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 29 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Viċi Sindku talab korrezzjoni tal-Minuti. Il-Kunsill approva l-korrezzjoni mitluba.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## **29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.1 Is-Sindku Christian Sammut staqsa jekk hux opportun li l-Kunsill jerġa' joħroġ is-Sejħa għall-kwotazzjonijiet tal-Event Co-Ordinator tal-Festival taċ-Ċikkulata għas-sena d-dieħla jew inkella jiġġedded il-ftehim mas-Sur Mario Camilleri. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri spjega li matul din is-sena l-ħidma tas-Sur Camilleri kienet tajba ħafna u għaldaqstant ma jidhirx li hemm ħtieġa li tinħareġ sejħa oħra. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li l-festival jinvolvi ħafna xogħol bħal talbiet tal-Kunsill, ko-ordinament mal-NGOs, komunikazzjoni diretta mal-ħwienet u bejjiegħa u jidher li l-Co-Ordinator ħadem tajjeb ħafna ma' kulħadd. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li huwa mportanti li l-Kunsill jorbot lis-Sur Camilleri sabiex jekk hemm xi kumpaniji li jeħtieġ li jiġu avviċinati sabiex jipparteċipaw.

Is-Sindku Christian Sammut qal li huwa mportanti li l-Kunsill jagħmel pressjoni mas-Sur Camilleri sabiex javviċina lil dawk il-kumpaniji kbar sabiex il-Festival jissaħħaħ aktar b'mod speċjali bi stands ta' oġġetti relatati maċ-Ċikkulata.

29.3.2 Is-Sindku, Christian Sammut infurma li x-shooting tal-Film Entebbe sar, minkejja li kien il-maltemp. Kien hemm xi tgergir mir-residenti, iżda l-Kunsill għandu jara li dawn l-opportunijiet ma jintilfux, għall-ġid tal-lokalita'.

29.3.3 Talba għal refund KBO 178 – Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kellha risposta mingħand l-Avukat fejn kif jidher li l-Insurance qed tara dan il-każ bħala Act of God u jista' jkun li huwa għalhekk li l-Insurance ma tridx tkopri dan il-claim.

29.3.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ Sejħa għall-Offerti għal Servizz ta' Avukat. Dan għaliex hemm bżonn li l-Kunsill ikollu rappreżentant legali f'każ ta' Qorti kif ukoll jeħtieġ li jinħadmu ċertu Bye-Laws. Il-Kunsill approva li tinħareġ din is-Sejħa.

29.3.5 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa kienx hemm risposta mingħand Mro Manuel Pirotta dwar il-kunċert tal-Milied. Is-Sindku spjega li l-Kappillan tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni talab l-approvazzjoni tal-Kurja sabiex dan il-Kunċert ikun jista' jsir fil-Knisja. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li l-għaqdiet tal-Kunċizzjoni talbu li dan il-Kunċert isir is-sena fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju. Is-Sindku spjega li għalissa huwa mportanti li l-Kunsill jiddiskuti l-Programm għal din is-sena u jekk ikun possibli s-sena d-dieħla jerġa' jsir.

29.3.6 Is-Sindku nfurma li x-xogħol fuq il-pavimentar quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulata Kunċizzjoni se jibda f'Jannar, wara li jgħaddu l-festi. Dan sabiex jiġi evitat periklu għar-residenti li jmorru l-Knisja f'dawn il-ġranet ta' festi.

29.3.7 Is-Sindku ppropona li l-fanali ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulata Kunċizzjoni jiġu rilokati fi Triq Joe Abela Scolaro, quddiem il-Kappella tad-Duluri. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li l-fanali jitwaħħlu fi Ġnien Vittmi Ħamruniżi. Saret diskussjoni dwar dan u sar qbil li jiġi kkuntattjat il-Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu sabiex jintalab permess u dawn il-fanali jiġu rilokati quddiem il-Kappella.

29.3.8 Is-Sindku nfurma li l-presepji daqt ikunu lesti, filwaqt li l-Christmas Trees se jintramaw fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku nfurma wkoll li se jiżdiedu 2 trombi tas-sound fi Triq Ħal Qormi k/m Triq Dun Nerik Cordina Perez u Triq il-Kbira San Ġużepp ħdejn il-Johnnys Bar.

29.3.9 Is-Sindku nfurma li l-preparamenti għall-Bike Ride mexjin b'ritmu mgħaġġel iżda huwa ferm imporanti li kulħadd jagħmel sforz u ssir promotion tal-attivita' u jinġiebu rati għal reklamar fuq radji u intervisti fuq programmi televiżivi.

29.3.10 Is-Sindku nfurma li kellu laqgħa mal-Għaqdiet tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni dwar il-Christmas Market fl-area tal-Kunċizzjoni. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li kellu feedback mingħand l-għaqdiet fejn minħabba li ż-żmien daħal ġmielu qed isibu problemi dwar l-istalls. L-Għaqdiet se jarmaw it-toroq bid-dwal iżda l-problema hi persuna waħda biss ikkonfermat is-sehem tagħha. Sar qbil li jitqabbad Mario Camilleri sabiex javviċina xi bejjiegħa.

29.3.11 Is-Sindku u l-Kunsillier Carmen Borg ikkonfermaw is-sehem tal-Kor ta' Phyllisianne Brincat.

29.3.12 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li l-Komunita' tal-Franġiskani lesti jarmaw bil-ponzjetti, qagħaq tal-għasel u pjanti.

29.3.13 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li l-Ħadd, 4 ta' Diċembru saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' Rand fuq il-Monument tal-Gwerra

29.3.14 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li ġie avviċinat mis-Sur Sean Scicluna, li fuq inizzjattiva personali jorganizza 'Santa Claus is Coming to Town' fejn idur l-istituti tal-lokalita' u jagħti rigali lit-tfal residenti. Is-Sur Scicluna staqsa jekk hux possibli li din l-attivita' ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jipparteċipa f'din l-inizzjattiva u jagħti għotja ta' kotba lil dawn it-tfal.

29.3.15 Is-Sindku nfurma li l-Opening tat-Track għall-Użu tar-Residenti fil-Liċeo tal-Ħamrun ġie pospost minħabba dak li nqala' dan l-aħħar fl-iskola.

29.3.16 Is-Sindku nfurma lill-membri li ġie kkuntattjat mis-Sindku tal-Comune di San Teodoro, Dr Mannironi Domenico Alberto fejn qed juri l-interess li jsir ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Is-Sindku huwa nfurmat li din il-Belt għandhom bħala Qaddis Patrun lil San Gejtanu u fil-fatt nhar il-Ħadd 11 ta' Diċembru se ssir żjara minn delegazzjoni minn San Teodoro, fil-lokalita' tal-Ħamrun, fejn huwa ppjanat li jattendu għal Quddiesa tal-11a.m. u wara jżuru l-każini tal-lokalita'. Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu għal din l-attivita'. Is-Sindku spjega li huwa fatt li bħalissa l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ġemellaġġ mal-Comune di Serrone, iżda m'għandu jitlef l-ebda opportuna, ġaladarba dan kollu ma jinvolvix spejjeż. Il-Kunsill approva li ssir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jibdew taħdidiet għall-Ġemellaġġ mal-Belt ta' San Teodoro.

29.3.17 Is-Sindku nfurma lill-membri li ġie avviċinat mis-Sur Clive d'Amato fejn qed jitlob 'Special Parking Permit' fuq il-vettura tat-tfajla tiegħu, għaliex skont is-Sur D'Amato qed jużaha hu. Il-membri ddiskutew din it-talba u kkonkludew li minħabba l-fatt li dan il-każ jista' joħloq preċedent, il-permess ma jingħatax.

## Il-Viċi Sindku Vincent Bonello daħal għal-laqgħa fis-18:57

29.3.18 Is-Sindku nfurma lill-membri li ġie avviċinat minn Skola Taljana li bħalissa jinsabu għaddejjin bi proġett tal-Erasmus, fejn studenti taljani, li jkunu għadhom kif temmu l-iskola sekondarja jiġu f'Malta jagħmlu Job Experience. Is-Sindku nfurma li din l-iskola qed toffri spazju għal studenti Ħamruniżi sabiex jitilgħu l-Italja għal Job Experience ta' 4 xhur. Is-Sindku nfurma li waqt il-laqgħa li kellu mal-Kunsill taż-Żgħażagħ u nfurmahom b'din l-inizzjattiva, qalu li 4 xhur huwa perijodu kemm xejn twil biex jitilgħu jagħmlu Job Experience barra mill-pajjiż.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello staqsa x'jiġri f'każ li dawn iż-żgħażagħ jitilgħu l-Italja u ma jkomplux bil-Job Experience. Dan qed jistaqsih għaliex huwa nfurmat li hemm Multi fuq il-Gvern f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li f'dawn il-każi jista' jkun hemm multi fuq l-istudenti. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello qal li huwa mportanti li l-Kunsill ikun infurmat bid-dettalji kollha f'każ li dawn ma jonorawx l-obbligi tagħhom u x'konsegwenzi jkun hemm.

29.3.19 Is-Sindku nfurma lill-membri li tnehdiet Kompetizzjoni għar-residenti għall-isbaħ tieqa armata fil-lokalita'. Ikun apprezzat jekk il-membri jippromwovu din l-inizzjattiva.

29.3.20 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-lokalitajiet li jiffurmaw parti mir-Reġjun Nofsinhar ġew magħżula biex jipparteċipaw fi proġett pilota biex persuni fost il-pubbliku jkunu rrappreżentanti f' Bordijiet tal-għazla ta' Kuntratti Maġġuri.

20.3.21 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill rċieva talba mingħand il-Kap tal-Iskola Educational Hub Msida, s-Sur Emanuel Fenech, fejn qed jitlob li jintrama stand b'xogħlijiet magħmula minn studenti sabiex jinbiegħu fil-granet tal-Milied. Il-Kunsill approva dan il-permess.

20.3.22 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill beda l-proċess għall-applikazzjoni sabiex isir ix-xogħol ta' Tisbieħ fuq Pjazza Kappillan Muscat kif ukoll fuq ir-Restawr tal-Kappella ta' Atocia. Dan qed isir sabiex ma jkunx hemm telf ta' żmien u l-sadanittant il-Kunsill jibda jħejji t-tenders għax-xogħlijiet meħtieġa.

## 29.4 Rapporti

29.4.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Performance Appraisals tal-Impjegati tal-Kunsill Lokali, kif imħejjija mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kull impjegat għandu lok fejn jagħmel improvement iżda matul is-sena taw servizz tajjeb ħafna u dan meta tqis li nbidlu t-tasks tal-impjegati sabiex ikun hemm running aħjar tal-Uffiċċju. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li jeħtieġ li jsir aktar pressjoni sabiex jitjieb it-teamwork fost l-impjegati.

Is-Sindku ppropona li, ġaladarba s-Segretarju Eżekuttiv hija sodisfatta bil-Performance tal-Impjegati, l-impjegati kollha jingħataw Performance Bonus ta' 6%.

Il-Kunsill approva li l-impjegati kollha jingħataw Performance Bonus ta' 6%.

## 29.5 Mozzjoni Nru 1/2016 – Twaqqif ta' Kumitat tal-Finanzji

29.5.1 Is-Sindku Christian Sammut ressaq għall-approvazzjoni Mozzjoni Nru 1 'Twaqqif ta' Kumitat tal-Finanzji' – (DOK A anness mal-Minuti)

Is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Finanzji jkun iffurmat minnu bħala Sindku, mill-Kunsilliera Jurgen Carl Grixti u Antonello Cuschieri, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill Lokali.

Il-Mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Antonello Cuschieri. Il-Kunsill approva unanimanent Mozzjoni Nru 1/2016

## 29.6 Attivitajiet tal-Milied 2016

29.6.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li huwa meħtieġ is-servizz ta' PA System għal waqt l-attivitajiet tal-Milied kif ġej; PA System għal Waqt il-Christma Markets tat-12 u 13 ta' Diċembru, PA System għal waqt il-Bike Ride u PA System għal waqt il-Kunċert li l-Kunsill se jorganizza flimkien mal-Orkestra tal-Junior College fit-23 ta' Diċembru. Il-Kunsill approva din in-nefqa.

29.6.2 Is-Sindku ppropona li l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, mpjegati u ħaddiema assenjati mal-Kunsill tinżamm nhar is-Sibt 7 ta' Jannar 2017. Is-Sindku talab li jinġabru l-istimi fejn tista' ssir din l-ikla.

## 29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 22.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

## 29.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello staqsa meta se tiċċaqlaq l-iskip tar-Rabbat. Is-Sindku qal li hemm problemi fejn se titpoġġa għaliex il-post propost kien diġa ħoloq bosta problemi fil-passat u fil-fatt l-iskip li kien hemm tneħħiet. Il-Viċi Sindku nfurma li r-residenti tal-area tar-Rabbat qed jispiċċaw iħabbtu wiċċhom ma ħafna ħmieġ u l-Kunsill għandu jieħu passi biex l-iskip titneħħa minn fejn qegħda.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa kienx hemm risposta dwar it-Talba ta' One Way System fi Triq Lord Byron. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s'issa ma kellha l-ebda risposta minn Transport Malta.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa x'jista' jsir dwar it-talba mressqa mill-Kunsillier Louise Portelli fejn talbet li jinbidel il-ħin tal-laqgħa tal-Kunsill, għaliex minħabba x-xogħol tagħha mhux ikun possibli li tattendi għal-laqgħat. Is-Sindku spjega li l-aktar ħin ideali għal-laqgħat tal-Kunsill huwa fis-6.00p.m. u għaldaqstant għandu jsir sforz mill-Kunsillier Portelli li tattendi.

## 29.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

29. Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 9 ta' Jannar 2017, fil-5.00p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn, 9 ta' Jannar 2016

<u>IFFIRMATA</u>
Christian Sammut
Sindku

<u>IFFIRMATA</u>
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv